MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 1163/1998/1

**Arkitett u Inginier Civili Godwin u Carmela sive Ena, konjugi Drago D'Aragona**

**v.**

1. **Philip Micallef u n-Nutar Joseph Brincat, personalment, rispettivament Chairman u Segretarju ta' l-Assocazzjoni Kondominjali AVRIL; u**
2. **Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja sive Registratur tal-Qrati;**
3. **Highrise Company Limited;**
4. **V. Bigeni Company Limited;**
5. **Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Jirrizulta li l-atturi kienu akkwistaw minghand is-socjeta` Highrise Company Limited u ohrajn, l-appartament Numru 6 fil-blokk li nbena fis-sit li qabel kien okkupat mid-dar Numru 46, Xatt ta' Tigne sive Tigne Seafront, Ta' Sliema. Dan l-akkwist u bejgh sar bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha li jidhru fil-kuntratt tat-12 ta' Settembru, 1996, fl-atti tan-nutar Dr Maurice Gambin, liema att jinsab esebit a fol. 36 *et. seq*. tal-process.

2. Fost kundizzjonijiet ohra msemmija fl-imsemmi kuntratt, l-atturi kienu obbligaw ruhhom li jhallsu s-sehem taghhom ta' l-ispejjez konnessi mat-tindif u z-zamma fi stat tajjeb tal-partijiet komuni tal-blokk. Huma obbligaw ruhhom ukoll: "*to join an owners association which may be formed between all the owners of this flat in the said block*".

3. Jidher li bejn l-atturi u l-konjugi Brincat, sidien ta' appartament iehor fl-istess blokk, inqalghet kwistjoni dwar apparat li jikkondizzjona l-arja li gie installat mill-konjugi Brincat. Dwar din il-kwistjoni gew intavolati proceduri legali u anke kawza ta' natura kriminali fil-konfront tal-konjugi Brincat.

4. Fl-istess epoka, is-sidien kienu qeghdin jahsbu biex jifformaw l-assocazzjoni tas-sidien skond il-kuntratt imsemmi. Jidher li l-atturi kienu prezenti ghall-ewwel laqgha li saret ghal dan l-iskop, izda l-atturi iddecidew li ma jkomplux jattendu ghal dawn il-laqghat dment li tibqa' pendenti l-kwistjoni li huma kellhom dwar dan l-istess l-arja installat mill-konjugi Brincat.

5. Jirrizulta li sussegwentement giet formata assocazzjoni ta' sidien u kienu gew eletti l-konvenut Philip Micallef bhala president u l-konvenut nutar Joseph Brincat bhala segretarju ta' l-assocazzjoni. Kien gie deciz li kull sid ta'

appartament kellu jhallas mitt Lira Maltin (LM100.00) ghall-ispejjez konnessi mal-partijiet komuni tal-blokk.

6. Jirrizulta li l-atturi odjerni iddecidew li ma jirrikonoxxux din l-assocazzjoni ta' sidien u meta gew mitluba biex ihallsu-il mitt Lira Maltin (LM100.00) in kwistjoni, huma oggezzjonaw.

7. Fil-11 ta' Gunju, 1997, il-president u s-segretarju ta' l-assocjazzjoni msemmija, intavolaw kawza kontra l-atturi odjerni li biha talbu li dawn ta' l-ahhar jigu kundannati jhallsu s-somma ta' mitt Lira Maltin (LM100.00) stabbilita mill-maggoranza tal-membri tas-sidien ta' l-assocazzjoni bhala kontribuzzjoni tal-manutenzjoni ta' l-ambjenti u servizzi komuni tal-blokk in kwistjoni. L-atturi ikkontestaw din il-kawza kemm permezz ta' eccezzjonijiet kif ukoll permezz ta' kontro-talba.

8. B'sentenza moghtija fil-21 ta' Novembru 1997, it-Tribunal iddikjara bhala irrita u nulla l-kontro-talba ta' l-atturi odjerni, u filwaqt li laqa' t-talba kontenuta fl-avviz ikkundanna lill-atturi odjerni li jhallsu lill-assocjazzjoni l-ammont ta' mitt Lira Maltin (LM100.00) mitlub minnha. Huma gew ikkundannati wkoll minn dak it-Tribunal li jhallsu l-ispejjez tal-kawza inkluz spejjez doppji fil-konfront tal-kontro-talba minhabba li din giet dikjarata bhala wahda vessatorja. Kopja ta' din is-sentenza tinsab a fol. 28 *et seq.* tal-process.

9. Fil-11 ta' Dicembru, 1997, l-atturi intavolaw appell mid-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri). Kopja ta' dan ir-rikors ta' l-appell, li huwa mifrux fuq 39 pagna, tinsab esebita a fol. 43 *et seq.* tal-process.

10. Il-kawza odjerna giet istitwita mill-atturi quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 1998, u cioe` fil-pendenza ta' l-appell fuq riferit. L-atturi jistqarru fid-dikjarazzjoni taghhom li tinsab a fol. 18 ta' dan il-process, li din il-kawza giet istitwita anke "fid-dawl ta' Risposta ta' l-Appell"ipprezentata fl-Avviz 296/97.

11. L-appell fl-atti ta' l-imsemmi Avviz gie maqtugh fis-26 ta' Frar, 1999, billi l-appell gie michud billi ma kienx gie intavolat fit-terminu stabbilit mil-ligi.

12. Din il-Qorti hasset il-htiega li telenka l-fatti l-aktar saljenti b'mod kronologiku ghaliex b'hekk il-kawza tista' titpogga fil-perspettiva gusta taghha u dak li huwa manifestament kofuz jista' jigi iccarat.

13. Illi l-atturi jenfasizzaw fid-dikjarazzjoni taghhom annessa ma' l-att tac-citazzjoni taghhom li r-raguni ghalfejn huma intavolaw il-kawza odjerna hija li kienet necessarja li ssir fid-dawl tas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar fil-21 ta' Novembru, 1997 hawn fuq imsemmija, kif ukoll fid-dawl tar-risposta tal-kontro-parti li kienet saret ghar-rikors ta' l-appell intavolat mill-atturi odjerni quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri). L-atturi qeghdin isostnu li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghamel apprezzament hazin tal-fatti, ta interpretazzjoni zbaljata tal-kuntratt ta' l-akkwist tat-12 ta' Settembru, 1996, fuq riferit, u b'hekk wasal ghall-konkluzjonijiet zbaljati.

14. Ic-citazzjoni li bdiet il-kawza odjerna hi maghmula b'manjiera xejn ortodossa. Tinfirex fuq hmistax-il pagna u hija mimlija ripetizzjonijiet inutili. Tikkontjeni tmien talbiet, li b'xi mod jew b'iehor, tista' tghid kollha huma relatati ma' dak li gie deciz fis-sentenza tal-21 ta' Novembru, 1997, moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u dan kif jidher mill-kopja ta' l-istess talbiet li qeghdha tigi annessa bhala Appendici ma' din is-sentenza.

15. Jirrizulta li s-socjeta` Highrise Company Limited kif ukoll is-socjeta` V. Bigeni Company Limited baqghu kontumaci quddiem l-ewwel Qorti. Il-konvenuti kollha l-ohra ipprezentaw in-Noti ta' l-Eccezzjonijiet taghhom.

16. Jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet li titratta u tiddeciedi qabel xejn it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Philip Micallef u n-Nutar Joseph Brincat proprio et nomine. B'din l-eccezzjoni dawn il-konvenuti sostnew li t-talba ta' l-atturi ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-imsemmija

sentenza tat-Tribunal imsemmi kienet irritwalment proposta u li l-azzjoni ta’ l-atturi kienet nulla stante li mhux dan ir-rimedju tal-ligi biex jitwaqqghu jew jigu rezi nulli decizjonijiet.

17. B’sentenza moghtija fil-5 ta’ Ottubru, 1999, l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet billi laqghet din l-eccezzjoni ta’ dawn il-konvenuti, iddikjarat ic-citazzjoni ta’ l-atturi bhala wahda irritwali, nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan anke fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Hija ordnat li l-ispejjez kollha kellhom ikunu a karigu ta’ l-atturi. L-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ikkunsidrat hekk:
“**<u>II KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-kawza odjerna, ghalkemm maghmulha b’mod estremament twil u wkoll, fl-opinjoni tal-Qorti, b’mod verament konfuz tikkoncerna diversi talbiet b’kollox tmienja immirata sabiex tigi attakkata is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-21 ta’ Novembru, 1997, fl-ismijiet **<u>“Philip Micallef et vs AIC Godwin Drago et” (Avviz Numru 296/97JR)</u>** u dan fuq il-bazi allegata li saret interpretazzjoni hazina tal-kuntratt tat-12 ta’ Settembru, 1996, ippubblikat min-Nutar Maurice Gambin u esebit a fol. 36 tal-process.

Illi jirrizulta wkoll mill-atti tal-kawza inkluz mill-premessi tac-citazzjoni illi minn din l-istess sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar sar appell minnha quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar) kif jirrizulta wkoll mill-istess kopja tar-rikors ta’ l-Appell minn fol. 43 sa fol. 81 tal-process.

Illi di piu` irrizulta mill-verbal tat-28 ta’ April, 1999, illi tali Appell gie definittivament deciz b’sentenza ta’ l-istess Qorti ta’ l-Appell tas-26 ta’ Frar, 1999, u ghalhekk il-konvenut Philip Micallef et irtira l-ewwel eccezzjoni dwar l-istess.

Illi din il-kawza ghalhekk baqghet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Philip Micallef et, liema eccezzjoni tipprovdi illi t-talba attrici ghan-nullita` ta’ l-

istess sentenza hi irritwalment proposta u l-azzjoni hija nulla stante li mhux dan ir-rimedju tal-ligi biex jitwaqqghu jew jigu rezi nulli decizjonijiet. Illi huwa ovvju li din l-eccezzjoni taffetwa l-posizzjoni tal-partijiet kollha fil-kawza, peress li titratta dwar in-nullita` o meno tal-procedura istitwita mill-atturi.

Illi mic-citazzjoni attrici jirrizulta car illi t-talbiet attrici huma immirati sabiex tali sentenza fuq referita tat-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar tigi dikjarata nulla, u dan johrog car min-natura stess ta’ l-istess talbiet attrici, li lkoll u f’kull wahda hemm riferenza ghal dak li huwa ssejjah bhala interpretazzjoni zbaljata allegatament moghtija fl-istess sentenza.

Illi l-Qorti tinnota li a bazi ta’ l-**Att Numru V tas-sena 1995, l-Artikolu 8** jipprovdi illi appell minn tali decizjoni tat-Tribunal ghandha ssir lill-Qorti ta’ l-Appell maghmulha minn Imhallef wiehed skond **is-sub-artikolu (6) ta’ l-Artikolu 41 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili**.

Illi jirrizulta manifestament li din il-kawza ma tikkonsistix f’appell mill-istess sentenza, anke peress li apparti l-kompetenza ta’ din il-Qorti, tali appell skond l-**Artikolu 8** ta’ l-**Att V tal-1995** fuq citat, ghandu jsir lill-Qorti ta’ l-Appell kif fil-fatt sar fir-rikors ta’ l-appell fuq indikat.

Illi ma jirrizultax li l-istess Att jaghti xi rimedju iehor sabiex tali sentenza tigi attakkata, u anke jekk ghal grazzja ta’ l-argument, wiehed jirreferi ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni taht l-**Artikolu 811 tal-Kap. 12**, jigi nnutat li cetament din il-kawza, *dato ma non concesso*, li l-istess artikoli ta’ ritrattazzjoni japplikaw ghal kaz *de quo*, mill-istess citazzjoni lanqas hija kawza ta’ ritrattazzjoni, anke ghaliex hija inkoncepibbli li tigi intavolata kawza ta’ ritrattazzjoni fil-mument li jkun hemm appell pendenti mill-istess sentenza, ghalkemm dan illum gie definittivament deciz, u dan apparti l-formulazzjoni ta’ l-istess citazzjoni li ma tinkwadrax ruhha fir-rekwiziti necessarji u partikolari ta’ azzjoni ta’ ritrattazzjoni.

Infatti jirrizulta li c-citazzjoni odjerna lanqas hija wahda sabiex tintalab ritrattazzjoni u dan in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha dwar in-natura straordinarja tal-procedura tar-ritrattazzjoni li gew dettaljatament elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fil-5 ta' Ottubru, 1999, fl-ismijiet "**Salvina Bugeja vs Paula Azzopardi et**" **(Citazzjoni Numru 1367/98/RCP)** u din il-Qorti taddotta l-istess konkluzjonijiet raggunti fl-istess sentenza.

Illi ghalhekk minn dan jirrizulta, anke bl-iskop li l-proceduri tal-Qorti jigu verament maghluqa definittivament wara li jigu ezawriti r-rimedji kollha moghtija mil-ligi, u anke sabiex tinghata forza ta' finalita` ghas-sentenzi moghtija mill-Qrati u mit-Tribunali kostitwiti mil-ligi, illi ma ghandux jinghata lok sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla, u ma tezisti ebda procedura fil-ligi sabiex dan jista' jsir.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jirrizulta li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et ghandha tigi milqugha bil-konsegwenza illi c-citazzjoni attrici qed tigi dikjarata bhala irritwali u nulla stante li dan mhux ir-rimedju tal-ligi biex jitwaqqghu jew jigu rezi nulli decizjonijiet ta' Qrati u inkluzi u in partikolari f'dan il-kaz tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, u dan naturalment ghandu effett fil-konfront tal-konvenuti kollha, stante li huwa inkoncepibbli li azzjoni tigi dikjarata nulla in konfront biss ta' whud mill-konvenuti u mhux fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk in vista tal-premess u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta`** u **tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et** u tiddikjara c-citazzjoni attrici bhala irritwali u nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti koklllha tal-ligi, fil-konfront tal-konvenuti kollha.

L-ispejjez kollha a karigu ta' l-atturi."

**II. L-APPELL**

18. L-atturi appellaw minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell prezentat fil-25 ta' Ottubru, 1999. L-atturi wara li spjegaw dettaljatament il-lanjanzi taghhom fil-konfront tas-sentenza appellata, elenkaw l-aggravji taghhom b'dan il-mod:

"a. Illi fl-ewwel lok is-sentenza hija nulla ghar-ragunijiet fuq indikati f'dan ir-rikors ta' l-appell;

b. Illi fit-tieni lok is-sentenza hija wkoll nulla peress illi l-ewwel Qorti iddecidiet fuq eccezzjoni ta' konvenut wiehed meta kien hemm zewg konvenuti ohra li baqghu kontumaci u tnejn ohra li qatt ma issollevaw it-tieni eccezzjoni issollevata mill-konvenut Philip Micallef et;

c. Illi fit-tieni lok, l-appellanti gew imcahhda milli jitrattaw it-tieni eccezzjoni tal-konvneut indikat u dana bi ksur ta' zewg principji fundamentali fis-sistema guridika Maltija u cioe` dawk ta' '*audi alteram parte*' u li l-gustizzja trid mhux biss issir imma tidher li qed issir;

d. Illi r-raba' aggravju jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti flok fliet il-premessi u t-talbiet ta' l-atturi appellanti, giet zvijata bit-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et u bniet sentenza fuq l-istitut tar-ritrattazzjoni, meta t-talbiet attrici ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-istituzzjoni tar-ritrattazzjoni;

e. Illi l-hames aggravju jirrelata ghall-fatt li din il-kawza kienet ibbazata fuq interpretazzjoni ta' xi artikoli f'kuntratt ma kienitx talba ghal xi rimedju wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-sitta u ghoxrin ta' Frar, tal-elf disa' mija disgha u disghin (26.02.99);

f. Illi s-sitt aggravju ghalhekk jirrelata li l-atturi appellanti m'ghandhom ibatu ebda spejjez;

g. Illi s-seba' aggravju jirrigwarda talba lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell biex l-atti ta' dan il-process jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti diversament ippreseduta biex

tisma’ din il-kawza fil-meritu taghha wara li tigi formalment respinta t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et.”

19. Ghalhekk l-appellanti qeghdin jitolbu li fid-dawl tas-seba’ (7) aggravji fuq elenkati, li din il-Qorti ghandha, wara li tiddikjara s-sentenza appellata nulla ghall-motivi indikati fir-rikors, tirrinvija l-atti ta’ dan il-process lura lill-ewwel Onorabbli Qorti diversament preseduta. B’hekk l-appellanti jinghataw l-opportunita` jitrattaw it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et, liema eccezzjoni ghandha eventwalment tigi respinta mill-Qorti. Fl-ahharnett l-appellanti jsostnu li huma ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez tal-kawza.

20. L-appellati Philip Micallef u n-Nutar Joseph Brincat prioprio et nomine, kif ukoll l-Avukat Generali ikkontestaw l-appell b’risposti ipprezentati separatament. Mir-ragunijiet li huma jelenkaw fir-risposti rispettivi taghhom, wiehed jara li huma qeghdin isostnu li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti. Ma jidhirx li l-appellati l-ohra intavolaw xi risposta ghall-appell in kwistjoni.

21. Din il-Qorti tat opportunita` lid-difensuri tal-partijiet biex jitrattaw oralment quddiemha, kif fil-fatt ghamel id-difensur ta’ l-appellati Philip Micallef u n-Nutar Joseph Brincat proprio et nomine. Din it-trattazzjoni giet rekordjata u traskritta u b’hekk l-appellanti nghataw l-opportunita` li jwiegbu ghaliha bil-miktub kif fil-fatt ghamlu permezz ta’ Nota ta’ Sottomissjonijiet li tinsab a fol. 171 *et sequitur* tal-process.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

22. Trid qabel xejn tigi investigata u determinata l-pregudizzjali mressqa mill-appellati Philip Micallef u n-Nutar Joseph Brincat proprio et nomine fil-konfront ta’ l-appell interpost mill-appellanti. Dawn l-appellati qeghdin isostnu li l-appell interpost huwa irritwali in kwantu r-rikors ta’ l-atturi appellanti ma jikkontjeni l-ebda talba ghal revoka, thassir jew tibdil tas-sentenza kif jiddisponi l-

Artikolu 142(2) tal-Kap. 12. Huma jsostnu li n-nuqqas ta' talba bhal din mhix semplici mankanza, u l-kliem u l-frazjologija adoperati jikkostitwixxu mhix semplici improprjeta` verbali, izda dawn ukoll jikkostitwixxu inosservanza ta' dak dettat u rikjest "*ad validitatem*" mil-ligi procedurali.

23. Illi ma hemm l-ebda dubju li t-talba fir-rikors ta' l-appell setghet giet redatta b'mod ferm aktar car u korrett. Madanakollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddikjara l-irritwalita` ta' l-istess rikors ta' l-appell minhabba li l-appellanti ma talbux ir-revoka *ad hoc* tas-sentenza appellata, u dan minhabba li meta l-appellanti talbu lil din il-Qorti tiddikjara n-nullita` tas-sentenza appellata, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li huma kienu qeghdin effettivament jitolbu ir-revoka tas-sentenza appellata. Il-ligi ma tirrikjedix l-uzu ta' l-istess kliem precizi wzati fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 142 imsemmi, jigifieri "thassir" jew "tibdil". Infatti l-uzanza hi li pjuttost jintuzaw il-kliem "revoka" ghal "tahsir" u "riforma" ghal "tibdil". Huwa sufficjenti li jkun jirrizulta b'mod car u minghajr hafna tigbid lingwistiku u kuntrumbajsi mentali x'qed jintalab. Inoltre, fid-dawl ta' l-emendi introdotti fl-Artikolu 143 tal-Kap. 12 bl-Att XXIV tal-1995 tnehhiet hafna mir-rigidita` procedurali li qabel kienet tezisti fir-rigward ta' x'ghandu jkun fiha talba fir-rikors ta' appell (ara in partikolari s-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi Artikolu 143). Ghalhekk din l-eccezzjoni ta' l-appellati qeghdha tigi michuda, pero` l-ispejjez relattivi jibqghu a karigu ta' l-appellanti, billi dawn ghazlu li ma jsegwuwx bi precizjoni l-ittra tal-ligi.

24. Il-Qorti sejra tghaddi biex tinvestiga l-aggravji li ressqu l-appellanti u dawn sejra tikkunsidrahom wiehed wiehed. Permezz ta' l-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti qeghdin isostnu li s-sentenza appellata kienet nulla. L-appellanti jressqu quddiem din il-Qorti diversi ragunijiet li fil-fehma taghhom kienu jirrendu s-sentenza appellata bhala wahda nulla. L-ewwel raguni li nghatat mill-appellanti hija li s-sentenza appellata ma tikkonformax mal-mod kif proceduralment ghandhom jinkitbu s-sentenzi tal-Qorti. L-appellanti jirravvizaw din l-allegata nullita` fil-fatt li fis-sentenza appellata ma hemmx indikazzjoni tad-

diversi talbiet li ghamlu l-appellanti fl-att tac-citazzjoni taghhom u lanqas ma hemm accenn ghall-premessi li ghamlu fl-att tac-citazzjoni.

25. L-Artikolu 218 tal-Kap. 12 *inter alia* jipprovdi li fis-sentenza ghandu jkun hemm referenza ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut. Pero` din id-disposizzjoni ma tfissirx li s-sentenza ghandha tirriproduci testwalment it-talbiet ezattament kif inhuma redatti fl-att tac-citazzjoni, ghalkemm ta' sikwit isir hekk. F'dan il-kaz, l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma tirriproducix testwalment it-talbiet ta' l-atturi u dan billi kienet tal-fehma li c-citazzjoni kienet formulata b'mod estremament twil kif ukoll b'mod verament konfuz. L-ewwel Qorti ghazlet li tillimita ruhha li tghid li c-citazzjoni kien fiha tmien talbiet u kienet immirata sabiex tigi attakkata s-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tal-21 ta' Novembru, 1997, fl-ismijiet Philip Micallef et vs AIC Godwin Drago et (Avviz Nru. 296/97 JR), u dan fuq il-bazi allegati li saret interpretazzjoni hazina tal-kuntratt tat-12 ta' Settembru, 1996 u publikat min-Nutar Maurice Gambin esebit a fol. 26 tal-process. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ticcensura lill-ewwel Onorabbli Qorti meta hija marret ghal ras il-ghajn, u b'mod verament lakoniku izda korrett identifikat dak li verament kienu qeghdin jitolbu b'din il-kawza l-appellanti. Din il-Qorti kien ikollha ghax ticcensura lill-ewwel Qorti kieku ghazlet li tirriproduci l-premessi u t-talbiet ezattament kif huma redatti fl-att tac-citazzjoni billi dawn fihom kwantita` ta' repetizzjonijiet inutili li jimmilitaw kontra l-kjarezza li kull citazzjoni redatta korrettament ghandu jkollha.

26. L-appellanti qeghdin jallegaw ukoll li s-sentenza appellata hija nulla ghaliex inbniet fuq tezi li ma kienitx dik ta' l-atturi u dan billi l-atturi riedu li l-Qorti taghti interpretazzjoni ta' klawzoli partikolari kontenuti fil-kuntratt esebit u li huma qatt ma talbu li l-Qorti taghti xi rimedju ghas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar.

27. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-pretensjoni ta' l-appellanti. Infatti jekk wiehed jaqra u janalizza t-tmien

talbiet kontenuti fic-citazzjoni odjerna wiehed isib li dawn kollha, ad eccezzjoni tat-tielet talba, huma b'xi mod jew b'iehor marbuta mad-decizjoni tal-21 ta' Novembru, 1997, moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. It-tezi ta' l-appellanti hija li dik is-sentenza tat-Tribunal tat interpretazzjoni skorretta tal-kuntratt tat-12 ta' Settembru 1996, u li dik is-sentenza ghandha tigi dikjarata nulla minhabba li ma tirrispekkjax u ma tikkonformax mal-kontenut ta' l-istess kuntratt u li ghalhekk l-istess sentenza ma tistax tigi esegwita jew enforzata. Gialadarba l-atturi ghazlu li jikkonfezzjonaw ic-citazzjoni taghhom b'dan il-mod, allura kienet korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata irrimarkat li d-diversi talbiet ta' l-atturi kienu immirati sabiex tigi attakkata s-sentenza msemmija tat-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar. Nonostante li t-tielet talba kontenuta fic-citazzjoni ma taghmilx espressa referenza ghall-imsemmija decizjoni tat-Tribunal, pero` xorta wahda din it-talba trid tinqara fil-kontest tac-citazzjoni kollha kemm hi, inkluz s-seba' talbiet l-ohra kontenuti fiha. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ticcensura s-sentenza appellata meta din irrimarkat li c-citazzjoni odjerna kienet immirata sabiex tigi attakkata l-imsemmija sentenza tat-Tribunal.

Bit-tieni aggravju taghhom l-appellanti qeghdin jikkontendu li s-sentenza appellata hija nulla peress li l-ewwel Qorti iddecidiet fuq eccezzjoni ta' konvenut wiehed meta kien hemm zewg konvenuti ohra li baqghu kontumaci kif ukoll tnejn ohra li qatt ma issollevaw l-istess eccezzjoni. Din il-Qorti tinnota li huwa veru li zewg konvenuti baqghu kontumaci, u li l-konvenut Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja kif ukoll ir-Registratur tal-Qrati ma issollevawx din l-eccezzjoni, pero` l-konvenut l-iehor l-Avukat Generali tar-Repubblika bhala fatt issolleva wkoll din l-eccezzjoni. Apparti din il-precizazzjoni pero`, gialadarba l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li c-citazzjoni kienet nulla hija ma setghetx taghmel mod iehor hlief <u>testendi din il-konkluzjoni ghall-konvenuti kollha</u>, dan ghaliex ic-citazzjoni giet konfezzjonata minghajr ebda distinzjoni bejn il-konvenuti. Ghalhekk kienet korretta s-sentenza appellata meta irrimarkat li huwa inkoncipibbli li

azzjoni tigi dikjarata nulla in konfront biss ta' whud mill-konvenuti u mhux nulla fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

29. It-tielet aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li huma gew imcahhda milli jitrattaw l-imsemmija tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et u dan bi ksur ta' zewg principji fundamentali fis-sistema guridika Maltija, u cioe`, dawk ta' *audi alteram partem* u li l-gustizzja mhux biss trid li ssir imma trid tidher li qed issir. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti anke dan l-aggravju huwa ghal kollox bla ebda bazi legali. Infatti fl-udjenza tat-28 ta' April, 1999, jirrizulta mill-verbal a fol. 104 tal-process li l-attur deher minghajr l-assistenza ta' l-avukat tieghu u dakinhar il-kawza thalliet biex jigu trattati l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et ghas-17 ta' Gunju, 1999, fil-11:30 ta' filghodu. Jirrizulta mill-verbal a fol. 105 tal-process li f'dik l-udjenza tas-17 ta' Gunju, 1999, id-difensur tal-konvenut Micallef et irtira l-ewwel eccezzjoni u irrefera ghall-kazistika rakkolta fil-kawza Bugeja vs Azzopardi b'referenza ghat-tieni eccezzjoni. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru, 1999, precizament ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni ta' l-istess konvenut. Gie verbalizzat ukoll li d-difensur ta' l-atturi msejjah diversi drabi ma deherx. Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 1999, gie verbalizzat li deher l-attur kif ukoll id-difensur tal-konvenut Philip Micallef et u dakinhar il-kawza giet deciza. Din il-Qorti tinnota li l-ewwel Qorti mxiet korrettament u skond il-ligi procedurali. Kien id-difensur ta' l-atturi li naqas mill-obbligu tieghu li jidher ghall-appuntament li taghtu l-Qorti biex huwa jaghmel it-trattazzjoni orali tieghu fl-udjenza tas-17 ta' Gunju, 1999. Ma jirrizultax mill-atti li dan id-difensur kellu xi gustifikazzjoni biex ma jidhirx quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghal dik l-udjenza. Lanqas jirrizulta li dan id-difensur ipprova jirrimedja ghall-imsemmi nuqqas tieghu li jidher, billi b'rikors jitlob li jissottometti Nota ta' Osservazzjonijiet dwar it-tieni eccezzjoni jew jitlob xi rimedju iehor lill-istess Qorti.

30. Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-appellanti, precizament f'paragrafi 24 u 55 (respettivament a fol. 180 u 198 tal-process), l-appellanti jaghtu lil din il-Qorti ir-

raguni ghaliex d-difensur taghhom kien assenti fl-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fis-17 ta' Gunju, 1999.

Din il-Qorti filwaqt li naturalment tissimpatizza ma' l-appellanti, pero` ma tistax f'dan l-istadju tpoggi l-arlogg lura. Il-procedura korretta, li kienet disponibbli ghall-atturi li sabu ruhhom f'dik is-sitwazzjoni, kellha tkun li huma *a tempo debito* igibu a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti dak li gara u jitolbuha taghtihom rimedju li bih huma setghu jispecifikaw ir-raguni taghhom. Setghu, per ezempju jitolbu li l-Qorti tikkoncedilhom is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex id-difensur taghhom jinghata l-opportunita` li jitratta oralment jew, fin-nuqqas, li jipprezenta Nota ta' Osservazzjonijiet dwar it-tieni eccezzjoni imsemmija. Il-fatt li l-appellanti kellhom zmien ampju biex jitolbu xi rimedju bhal dan, izda ghazlu li jibqghu passivi jfisser li huma hadu riskju u allura m'huwiex gust li t-tort taghhom jippruvaw jitfugh fuq l-ewwel Qorti.

31. Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti flok fliet il-premessi u t-talbiet ta' l-atturi appellanti, giet zvijata bit-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et u bniet sentenza fuq l-istitut tar-ritrattazzjoni, meta t-talbiet attrici ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' din l-istitutzzjoni. Anke dan l-aggravju huwa fil-fehma konsiderata tal-Qorti kompletament minghajr ebda bazi legali u jirrazenta l-fieragh. Johrog car minn dak li din il-Qorti qalet qabel f'din is-sentenza li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta hija identifikat il-qofol tat-talbiet ta' l-atturi bhala li kienu immirati biex jattakkaw is-sentenza in kwistjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, u biex din id-decizjoni tigi dikjarata nulla, u ma tkunx tista' tigi enforzata jew esegwita. L-ewwel Qorti ikkummentat li l-Kodici ta' Organizazzjoni Procedura Civili jipprospetta zewg metodi kif wiehed jista' jattakka validament sentenza ta' Qorti, u cioe` r-rimedju ta' appell u r-rimedju tar-ritrattazzjoni. L-ewwel Qorti, inoltre, irrimarkat li ma tezisti ebda procedura ohra fil-ligi li taghti lok sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tista' tigi dikjarata nulla. L-ewwel Qorti kompliet tghid li kien jirrizultalha manifestament li din il-kawza la kienet tikkonsisti f'appell u lanqas

f'ritrattazzjoni, u ghalhekk ghaddiet biex tiddikjara c-citazzjoni odjerna bhala wahda irritwali u nulla. L-ewwel Qorti ikkonkludiet li sentenza ta' Qorti kif ukoll ta' Tribunal ma tistax tigi attakkata permezz ta' citazzjoni, kif ghamlu l-atturi odjerni.

32. Il-hames aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fl-allegazzjoni li din il-kawza kienet ibbazata fuq interpretazzjoni ta' xi artikoli f'kuntratt u ma kienitx talba ghal xi rimedju wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Frar, 1999. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan l-aggravju ma hu xejn hlief ripetizzjoni ta' l-aggravji ohra li diga` gew trattati ampjament minn din il-Qorti. Dan l-aggravju fih biss l-isfumatura meta saret referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Frar, 1999. Hija haga evidenti li c-citazzjoni ma gietx intavolata wara dik is-sentenza billi c-citazzjoni odjerna giet intavolata fid-29 ta' Mejju, 1998. Pero` xorta wahda jirrizulta mill-process, u dan mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi stess li tinsab a fol. 18 tal-process, li din il-kawza giet istitwita minnhom anke fid-dawl tar-risposta li saret mill-kontro-parti ghar-rikors li pprezentaw l-atturi odjerni fil-konfront tas-sentenza riferita aktar qabel tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

33. Is-sitt aggravju taghhom, l-appellanti qeghdin isostnu li huma ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez. L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jiddisponi li kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez. Din hija r-regola fejn il-Qorti tgawdi minn certa diskrezzjoni f'dawk il-kazijiet li hekk jimmeritaw li taghmel temperament fil-kap ta' l-ispejjez. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti mxiet fuq ir-regola generali u akkollat l-ispejjez lill-atturi li kienu sokkombenti. Din il-Qorti tikkondividi dak li ghamlet l-ewwel Qorti ghax f'dan il-kaz ma kienx hemm lok ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez anke ghaliex il-kwistjoni legali involuta ma kienitx xi wahda difficli jew kien hemm xi raguni tajba ohra fis-sens tas-sub-artikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 223 tal-Kap. 12.

34. L-ahhar aggravju intavolat mill-appellanti jaqra testwalment hekk:

“Is-seba’ aggravju jirrigwarda talba li din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell biex l-atti ta’ dan l-process jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti diversament preseduta biex tisma’ din il-kawza fil-meritu taghha wara li tigi formalment respinta t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Philip Micallef et.”

Huwa evidenti li dan ma huwa aggravju xejn. U gialadarba din il-Qorti sabet li ma tista’ tilqa’ l-ebda wiehed mill-aggravji intavolati mill-appellanti f’din il-kawza, allura jsegwi li din it-talba kontenuta f’dan l-ahhar aggravju ma tistax tintlaqa’ minn din il-Qorti.

35. Fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet prezentata mill-appellanti fit-30 ta’ Awissu, 2002, huma jissottolinejaw hafna l-allegazzjoni taghhom li n-nullita` allegata minnhom fil-konfront tas-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kienet ibbazata fuq il-kontestazzjoni taghhom li dak it-Tribunal ma kellux il-gurisdizzjoni li jinterpreta l-kuntratt li bih l-atturi akkwistaw l-appartament in kwistjoni. Din il-kwistjoni tal-kompetenza jew tal-gurisdizzjoni proprja tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kellha titressaq quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri), l-appell li sar mid-decizjoni ta’ l-istess Tribunal. A fol. 43 sa 81 tal-process hemm esebit ir-rikors ta’ l-appell li l-appellanti intavolaw fil-konfront ta’ din id-decizjoni ta’ l-istess Tribunal. Jirrizulta li din il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni jew kompetenza tat-Tribunal effettivament tressqet mill-appellanti f’dan ir-rikors u anke giet sottolinejata diversi drabi fih. Fil-process sfortunatament ma hemmx il-kopja tad-decizjoni tas-26 ta’ Frar, 1999, moghtija minn dik il-Qorti ta’ l-Appell. Id-difensur tal-konvenut Philip Micallef et, kien obbliga ruhu fl-udjenza tat-28 ta’ April, 1999, (ara fol. 104 tal-process) li jesebixxi kopja ta’ din id-decizjoni pero` huwa naqas li jaghmel dan u hadd mill-partijiet l-ohra fil-kawza ma deherlu li kellu jesebixxi din il-kopja tad-decizjoni. Fir-rikors ta’ l-appell odjern ezattament, a fol. 117 tal-process, l-appellanti irrilevaw li din is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ma nghatatx fil-meritu izda iffukat biss fuq il-fatt li l-appell mid-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kellu jigi intavolat fi zmien tmintax-il jum u mhux fl-ghoxrin jum kif effettivament gie prezentat l-appell in kwistjoni. Minn dan kollu din il-Qorti tifhem li dak l-appell

gie michud ghaliex kien gie prezentat tardivament u allura kien irritwali. Sfortunatament ghall-appellanti dik il-Qorti ta' l-Appell allura ma setghetx tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni ta' l-allegata nuqqas ta' gurisdizzjoni jew nuqqas ta' kompetenza ta' l-imsemmi Tribunal meta huwa ippronunzja s-sentenza tieghu tal-21 ta' Novembru, 1997. Huwa ovvju li bic-citazzjoni odjerna l-atturi appellanti qed jippruvaw jeskogitaw rimedju ghas-sitwazzjoni infelici li sabu ruhhom fiha izda li ghaliha kienu jahtu huma biss. Kien ghalhekk li huma intavolaw ic-citazzjoni odjerna biex *inter alia* jakkwistaw dikjarazzjoni mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili li d-decizjoni msemmija tat-Tribunal kienet nulla u allura ma kienitx ezegwibbli. Din il-procedura adottata mill-atturi pero`, ma setghetx ikollha success, nonostante li huma ippruvaw jikkoloraw din il-kawza bhala "kawza biex jigi interpretat kuntratt" (ara fol. 1, fuq nett). Dan ghaliex is-sistema guridiku taghna ma jippermettix li jsir hekk. Meta sentenza, tajjeb jew hazin, tghaddi f'gudikat, ghaliex ma tigix appellata jew ritrattata, jew ghaliex jekk appellata jew ritrattata, tigi konfermata, hija ssir irrevokabbli. Sentenza li tghaddi definittivament f'gudikat tikkonkludi l-kontroversja definittivament u tigi mlibbsa virtwalment karattru assolut ta' veracita`. Dan skond il-massima "*res judicata pro veritate habetur*". B'hekk ma jkunx aktar lecitu u permissibbli li tinfetah diskussjoni aktar fuqha, lanqas jekk tkun, forsi, wahda ingusta. Dawn il-principji gew senjalati kemm-il darba fil-gurisprudenza rikka ta' dawn il-Qrati taghna. Ghall-kompletezza sejra tigi citata silta mis-sentenza fl-ismijiet "Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler noe" deciza fil-11 ta' Marzu, 1949, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef A.V. Camilleri fejn inter alia jinghad hekk:

**"… darba li l-kawza tispicca irrevokabilment, m'hemmx rimedju legali aktar biex il-kontestazzjoni terga' tigi miftuha, … Mhux bizzejjed li jista' jinghad li l-gudizzju seta' forsi kien ingust, … sabiex dan il-principju jigi mhassar jew moderat; …**

**Huwa minnu li dan il-principju jista' jidher, fuq ezami superficjali u mill-ewwel daqqa ta' ghajn, mhux ekwu, anzi inekwu; imma meta jigi kunsidrat li l-legislatur**

**jaghti lil kull interessat f'dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqaghha bhala li tkun nulla, u dak l-interessat ma jkunx haseb biex juza minn dawk il-mezzi, jew biex jisserva minn dawk ir-rimedji, jew ma jkunx irid jisserva bihom, allura l-interessat fis-sentenza ma ghandux aktar ghalfejn jilmenta mill-konsegwenza ta' l-inflessibilita` ta' dak il-principju, ga la darba kien huwa stess li gab fuqu dik il-konsegwenza bl-inattivita` tieghu volontrarja jew altrimentri, u jkun il-kaz li, jekk jilmenta, haqqu li jkun rinfaccjat bl-aforizma "damnun quod quis sua culpa sentit sibi debet non aliis imputare" …[1]**

**Illi jinghad ukoll li anke sentenza kuntrarja ghall-istess ligi, jew pronuncjata minn imhallef inkompetenti, meta ma tkunx tista' tigi aktar ritrattata, takkwista awtorita` ta' "res judicata"….;**

**Minn dana jitnissel illi meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom il-partijiet jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenza anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jigux fil-fatt minnhom adoperati, anzi jigu traskurati huma ma jibqaghlhom rimedju iehor ghal daka l-fini, u dana barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq ghall-prezunzjoni tal-verita`, li ghandha jkollha s-setgha u tikkopri kwalunkwe kawza ta' nullita`, peress li l-kawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba."**

36. Illi s-sentenza appellata kull ma ghamlet huwa li applikat din il-gurisprudenza ghall-kawza odjerna billi ebda wiehed mill-aggravji sollevati mill-appellanti fil-konfront ta' l-istess sentenza appellata ma huma gustifikabbli allura din il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li tghaddi biex tichad l-appell.

37. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim tal-Qorti Civili, fil-5 ta' Ottubru, 1999, hawn fuq imsemmija.

[1] Ara "Regulae iuris in VI Decretalium Bonifacii VIII", nru. 86

L-ispejjez anke ta’ din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta’ l-atturi appellanti.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI**

Kopja tat-talbiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni (ara para. 14 *supra*)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------